MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2009

Numru. 965/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**KONTRA**

**DENNIS PORTELLI**
**IAN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Dennis Portelli ta' 35 sena, mwieled Pieta' nhar it- 19 ta' Awwissu 1974 bin George u Carmen nee' Mangion u residenti 'Casa Lourdes', Triq Tumas Fenech, Birkirkara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 0400774(M);

U

Ian Farrugia ta’ 36 sena mwieled Attard nhar l- 4 ta’ Awwisu 1973, bin Vincent u Helen nee’ Borg, residenti 11, Triq il- Laqxija, Birkirkara detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 420073(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar l- 20 ta’ Settembru 2009 f’ Birkirkara ghall-habta ta’ 13.15hrs, bil- hsieb li jaghmlu delitt, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, billi bil- hsieb li jikkommettu serq f’residenza nru. 19 Triq il- Karmnu, Birkirkara ghad- dannu ta’ Godfrey Muscat minn Birkirkara, liema serq li kieku gie kkunsmat huwa aggravat bil- valur, bil- mezz u bil- lok u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

2) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli fil- bibe tar- residenza nru. 19 Triq il- Karmnu, Birkirkara ghad- dannu ta’ Godfrey Muscat minn Birkirkara, liema hsara ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax- il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)

3) Dennis Portelli akkuzat talli wara li kien gie kkundannat f’Malta ghal serq, jew ghal ricetazzjoni, nhar l-20 ta’ Settembru 2009 f’ Birkirkara instab fil- pussess ta’ ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi jew instabu ghandhom forom ta’ serraturi, minghajr ma kien ta’ kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandhom f’dak iz- zmien.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

Rat illi ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ammissjoni tal-imputati fl-istadju tal-esami taghhom, il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront taghhom;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ghazlu minn jeddhom li jammettu l-imputazzjonijiet kontra taghhom, u ghaldaqstant il-Qorti kull ma trid tikkunsidra hi l-piena. Il-Qorti rat illi l-imputati huma t-tnejn kwazi "first-time offenders" mill-fedina penali taghhom, u huma ghazlu li jirregistraw ammissjoni ghal din l-imputazzjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti tista' tiehu dan in kunsiderazzjoni meta tigi biex taghti l-piena idoneja ghal dan ir-reat. Inoltre, peress illi dan hu tentattiv ta' serq, il-piena hi dik ta' serq imnaqsa bi grad jew zewg gradi. L-imputazzjonijiet l-ohra ghandhom jitqiesu bhala mezz ghall-fini, u ghalhekk jista' jkun hemm assorbiment taghhom fil-piena.

Ir-reat addebitat lilhom hu wiehed serju hafna, tant li l-piena hi dik ta' prigunerija, sabiex isservi ta' deterrent ghal kull min jittanta iwettaq dan ir-reat, u sabiex tipprotegi l-interessi tas-socjeta' civili u tad-drittijiet ta' tgawdija ta' proprjeta' privata. Bit-tnaqqis tal-piena bi grad jew tnejn ghat-tentattiv, kif ukoll bi tnaqqis ulterjuri ghall-ammissjoni bikrija, il-piena massima hi dik ta' bejn tlieta u erba' snin prigunerija, mentri l-minima tinsel ghal ftit xhur. Il-Qorti hi

tal-fehma li ghandha tiehu t-triq tan-nofs, u tinfliggi piena ta’ sentejn prigunerija. Issa l-kunsiderazzjoni li jmiss hi jekk tali piena ghandhiex tkun effettiva jew sospiza. Hawnhekk ukoll il-Qorti tqis li l-imputati ghandhom fedina penali kwazi netta, u ghalhekk ghandhom jinghataw l-ahhar opportunita’ li ma jxellfux difrejhom aktar mal-ligi. Ghaldaqstant, tenut kont tac-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta’ prigunerija ser tkun sospiza fit-terminu massimu taghha, sabiex isservi bhala forma ta’ sorveljanza effettiva fuq l-imgieba tal-istess imputati. Inoltre l-Qorti sejra ukoll torbot lill-hatja b’ordni ta’ hlas tad-danni sofferti lill-vittma tal-attentat ta’ serq, taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 263, 267, 269, 41, 325, 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill- imputati jhallsu s- somma ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350) lil Godfrey Muscat fi zmien xahar ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------